

(4) Ir-raba' motiv jallega li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1139/2010 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1138/2010 joħolqu interferenza spoporzjonata tad-dritt li għandhom l-erba' rikorrenti għall-proprietà u għall-ħajja privata skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Barra minn hekk, tali leġiżlazzjoni hija irragħonevoli, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li r-Renju Unit huwa tal-fehma li l-ewwel tliet rikorrenti ma jissodisfaww iktar il-kriterji rilevanti.

- (<sup>1</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1139/2010, tas-7 ta' Diċembru 2010, li jemenda għall-141 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, li jimponi ċerti miżuri speċifċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netswerku ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU L 322, p. 6)
- (<sup>2</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1138/2010, tas-7 ta' Diċembru 2010, li jemenda għall-140 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netswerku ta' Al-Qaida u t-Taliban (ĠU L 322, p. 4)

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill

(Kawża T-137/11)

(2011/C 130/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Georges Guiai Bi Poin (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li, fir-rigward tar-rikorrent, G. Guiai Bi Poin, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-14 ta' Jannar 2011, ippubblikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,
- konsegwentement,
- tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011;
- sussidjarjament, tordna li l-isem ta' G. Guiai Bi Poin jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmi deċiżjoni.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

- (1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, inkwantu l-motivi tal-inklużjoni tar-rikorrent fil-

lista tal-persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi huma sterjotipati mingħajr ma ssema l-ebda element fattwali preċiż li jippermetti li tiġi evalwata r-rilevanza tal-imsemmija inklużjoni fil-lista.

- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, inkwantu,
- ir-rikorrent huwa akkużat li rrifjuta li jqiegħed ruħu taħt l-awtorità tal-president elett demokratikament, A. Ouattara, meta r-rikorrent bħala militar ma setax ma jobdix l-awtoritajiet kostituzzjonal tal-pajjiż tiegħu li pproklamaw president elett lil L. Gbagbo u
  - ir-rikorrent huwa akkużat li huwa responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali umanitarju, filwaqt li r-rikorrent ma ġiex ikkon-testat mill-Qorti Kriminali Internazzjonali, li l-kompetenza tagħha ġiet irrikonoxxuta mir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire.

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 — Ahouma vs Il-Kunsill

(Kawża T-138/11)

(2011/C 130/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Brouha Nathanaël Ahouma (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: G. Collard, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li, rigward ir-rikorrent, B.N. Ahouma, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-14 ta' Jannar 2011, ippubblikati fil-15 ta' Jannar 2011 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ma humiex fondati fil-fatt,
- konsegwentement,
- tannulla r-Regolament tal-Kunsill UE Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011;
- sussidjarjament, tordna li l-isem ta' B.N. Ahouma jitneħħa mil-listi annessi mal-imsemmi regolament u mal-imsemmi deċiżjoni.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma eszenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-137/11, Guiai Bi Poin vs Il-Kunsill.